MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2010

Numru 201/2009

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Kurt Cassar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 463988M, akkuzat talli:

1. nhar is-6 ta’ Dicembru 2008 ghall-habta ta’ 01:00 hrs, gewwa Triq il-Qaliet, Marsaskala hebb ghall-Esther Mifsud u kkagunalha griehi ta’ natura gravi skond ma ccertifika Dr. Paul Zammit mill-Isptar Mater Dei.
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament, mhux opposta:

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet jirreferu ghal glieda li nqaghlet f’tieg li fiha jidher kienu involuti bosta nies kompriz l-imputat li jinghad li f’xi hin imbotta mara li waqghet ma’ l-art u kisret idejha.

L-imputat intant qieghed jammetti l-akkuzi, liema ammissjoni hi wahda inkondizjonata u volontarja.

Li l-akkuzi jippotizzaw il-ferita gravi ‘per durata’ u l-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika.

Fuq ammissjoni ssib l-imputat hati. Rat l-Artikolu 216(1)(a)(b)(d), 338(dd) u 17; ikkonsidrat l-mahfra tal-parti leza u ghaldaqstant tiddeciedi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettiex reat iehor f’dan il-perjodu.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------